# In-Niċċa tal-Madonna tal-Karmnu

*Tony Terribile*

Bla dubju ta' xejn il-qima lejn il-Madonna tal-Karmnu f'Malta u Għawdex hi kbira u mifruxa ħafna.

Xhieda ta' dan huma l-għadd kbir ta' kwadri u altari li nsibu fil-knejjes tagħna, fil-kwantità kbira ta' niċeċ fit-toroq tagħna kif ukoll bosta toroq f'Malta u Għawdex huma magħrufa bħala Triq il-Karmnu. Din id-devozzjoni nissluha fil-gżejjer tagħna l-patrijiet Karmelitani li waslu fostna fl-1418 kif ukoll il-patrijiet Tereżjani li waslu Malta fl-1625.

Minn fomm dawn ir-reliġjużi, missirijietna semgħu bil-qima Marjana Karmelitana. Fi ftit żmien din id-devozzjoni xterdet ma' Malta u Għawdex u fi ftit żmien twaqqfu altari laterali fil-biċċa 'l kbira tal-knejjes tagħna.

Illum għad baqalna 'l fuq minn tletin altar ddedikati lill-Madonna tal-Karmnu. Kull altar għandu warajh storja interessanti li tmur lura għexieren twal ta' snin. F'dawk il-knejjes li fihom ma twaqqafx altar; id-devoti Karmelitani inqdew minn sotto kwadru biex ikebbsu din il-qima fir-raħal tagħhom. Hekk ġara f'Ħal Luqa. Fl-1737 fuq l-altar ta' San Duminku tqiegħed kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fuq l-ewwel skanell. Minnufih tkebbset devozzjoni kbira. Tant kibret, li fl-1768 benefattur ħalla somma flus għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa nhar is-16 ta' Lulju. Mid-dehra din il-festa ma kinitx ristretta għall-knisja biss għaliex kienet ssir ukoll ċelebrazzjoni barra, quddiem il-knisja.

Fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax-il Ħalluqin bnew 'l barra mir-raħal fl-għalqa msejħa 'Tal-Karmnu'. Kienet knisja tabilħaqq sabiħa u kompluta b'kollox u bir-rettur tagħha iżda din il-Knisja messitha x-xorti ħażina li kellha titwaqqa' fl-1942 biex jitkabbar l-ajruport. L-istess nistgħu ngħidu għan-niċċa kbira u qadima li kienet fi Triq San Pawl. Din tneħħiet fl-1975.

Kellha forma ta' kamra għolja madwar sular. L-erba' faċċati tagħha kienu mżejna b'pilastri doriċi. Fiha kien hemm meqjum kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. Twaqqfet fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax, fl-istess żminijiet tal-knisja li semmejna.

Fl-1819 l-Isqof Ferdinando Mattei

żejjinha bil-għoti ta' l-indulgenzi lil kull min jitlob quddiemha.

Meta l-mezzi tat-trasport żdiedu ħafna f'dawn l-inħawi l-awtoritajiet ħasbu biex iżarmaw din in-niċċa. Kienu saru għadd ta' protesti iżda xorta waħda tneħħiet u ftit wara inbniet niċċa sempliċi fil-ġenb tat-triq iżda llum tneħħiet ukoll u b'hekk tneħħiet kull tifkira.

Ħasra, għax kemm il-Knisja kif ukoll in-niċċa kienu l-aqwa xhieda tad-devozzjoni tal-Madonna tal-Karmnu f'Ħal Luqa.





**Marċi Brijużi 2008**

CD ġdid ta' marċi brijużi mill-Banda Sant' Andrija

Għal bejgħ mill-każin bil-prezz ta' €10 (Lm4.29)

Ikkuntattjana fuq l-email info@bandasantandrija.org



**Belluno Butcher**

Best Quality
Fresh & Frozen
Meat

**Dr. Nikola Zammit Street,
Siġġiewi**



**MIDAS STATIONERY**

TRIQ DUN PAWL, LUQA
Issibu Photocopy Service and Photo Developing

Assortiment kbir ta' toys ta' kull daqs u prezzijiet għal kull età. Rigali għal kull okkażjoni, oġġetti sbieħ ta' stationery, cards, postcards, magazines, sweets, cosmetics, affarijiet tal-baħar u ħafna affarijiet oħra.

Tel: 2169 0689